**ARĊIDJOĊESI TA' MALTA**

Lir-Rev. Arċiprieti, Kappillani u Retturi tal-Knejjes u Superjuri Reliġjużi

**LEJN KNISJA SINODALI – KOMUNJONI, PARTEĊIPAZZJONI U MISSJONI**

Il-Papa Franġisku, nhar il-Ħadd 10 ta' Ottubru 2021, se jniedi l-mixja sinodali lejn is-Sinodu tal-Isqfijiet li se jsir fl-2023, bit-tema: "*Lejn Knisja Sinodali – Komunjoni, Parteċipazzjoni, u Missjoni*".

Il-Papa qed jistieden lil kull djoċesi biex tipparteċipa f'dan il-proċess ta' tħejjija, u tagħti bidu għal dan nhar il-Ħadd 17 ta' Ottubru 2021. Għalhekk, dakinhar, l- Arċisqof Charles Scicluna se jiċċelebra quddiesa fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa fil-bidu ta' dan il-proċess min-naħa tal-Arċidjoċesi ta' Malta. Din il-quddiesa se tixxandar fuq TVM u fuq il-media soċjali tal-Knisja f'Malta.

L-enfasi partikulari f'din il-fażi ta' preparazzjoni – Knisja li tisma' – hija sewwasew dak li aħna, bħala Knisja f'Malta, qed nagħmlu din is-sena fil-proċess ta' tiġdid ekkeżjali *Knisja Waħda Vjaġġ Wieħed*. Bil-quddiesa li se ssir fis-Santwarju Nazzjonali ddedikat lill-Madonna, aħna rridu nafdaw l-impenn u l-ħidma ta' tħejjija għas-Sinodu tal-Isqfijiet f'idejn Ommna Marija, biex tħarisna u tgħinna ħalli bħalha nkunu nies ta' smigħ - nisimgħu lil Alla, lill-oħrajn u lil dak li l-Ispirtu ta' Alla qed jgħidilna fil-ġrajjiet tal-lum.

Bħala parti minn dan il-proċess b'enfasi fuq is-smigħ, se jkun hemm ukoll laqgħa online, organizzata mill-Kummissjoni ta' Koordinament ta' *Knisja Waħda Vjaġġ Wieħed*, nhar il-Ħamis 14 ta' Ottubru, bejn is-6:30 p.m. u t-8:00 p.m. li għaliha intom ilkoll mistednin.

Ma' din iċ-ċirkulari, qed nibagħtu wkoll id-dokument preparatorju għas-Sinodu tal-Isqfijiet, maħruġ mis-Segreterija tas-Sinodu, li għandu jservi ta' għajnuna għal din il-mixja sinodali.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, illum 7 ta' Ottubru 2021.

Charles Bugeja
Ass. Kanċillier

✠ Joseph Galea-Curmi
Isqof Awżiljarju